KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN

ID-DISA' LEĠISLATURA

MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

LAQGĦA NUMRU 35 – IT-TLIETA, L-1 TA' SETTEMBRU 2026 FIL-5:30PM

Il-Kunsill iltaqa' fil-boardoom

Preżenti

	Dominic Cassar	Sindku
	Pauline Vella Critien	Viċi Sindku
	Carmelo Pace Taliana	Kunsillier
	Anthony Mifsud Bonnici	Kunsillier
	Norbert Dalli	Kunsillier
	Salvu Debono	Kunsillier
	Noel Dimech	Kunsillier
	Joan Farrugia	Kunsillier
	Claire Calleja Zammit	Kunsillier
Skużatl	Trevor Fenech	Kunsillier (Minority Leader)
	Javier Caruana	Kunsillier

Talba

1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji

Is-Sur Trevor Fenech u s-Sur Javier Caruana talbu jiġu skużati minħabba impenji oħrajn.

2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Ħadd ma kellu iktar xi jżid, Salvu Debono ippropona l-minuti u Lino Pace Taliana issekondah. Qbil unanimu.

3 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Tiġdid tal-Karta tal-Identita'

Is-Sindku nfurmahom li nhar il-Ħamis, Ġimgħa u Sibt 3,4,5 ta' Settembru ser ikunu qed jiġu rappreżentanti tal-Identita' Malta sabiex isir it-tiġdid tal-karta tal-identita', il-formolarju jista' jinġabar mill-kunsill stess u għal iktar informazzjoni jistaqsu l-entita' innifisha għaliex il-kunsill ser joffri biss il-post fejn jista' dan isir.

3.2 Cleanup Day

Is-Sindku ikkomunika mal-mejda li nhar is-Sibt 12 ta' Settembru ser issir il-Cleanup Day bejn id-9am u 12pm f'Wied Għomor, kulħadd mistieden jattendi, ser jingħata wkoll xi ikel u xorb għal kulmin jattendi u anke transport b'xejn. Min jixtieq japplika għandu jirreġistra mal-kunsill lokali.

3.3 Trattament tal-ġrieden

Għaddejna lista ta' toroq li fihom hemm problema ta' ġrieden u ser isir trattament mill-ministeru konċernat bejn it-28 ta'Settembru u 2 t'Ottubru.

3.4 Propjetajiet Abbandunati

Il-kunsill irċieva email minghand is-Segretarju Permanenti Emil Vassallo, sabiex il-kunsill jgħaddi lista ta' propjetajiet li jaf bihom madwar il-lokalita' li jinsabu f'qagħda deterjorata, abbandunata jew mhux abitabbli. Kull min ikollu xi informazzjoni ghandu jgħaddiha lill-kunsill sabiex nimlew il-formolarju neċessarju bid-dettalji tat-triq u tad-dar u jekk l-iskop tal-binja jidhirx li kien residenzjali jew kummerċjali.

3.5 CCTV Kameras – Wied Għomor

Is-Sindku spjega kif kemm tal-LESA u kemm il-Community Police ilhom jitolbu lill-kunsill jekk f'Wied Għomor jistax isiru xi forma ta' CCTV cameras dan ħabba moniteraġġ ta' illegal dumping li jsir b'mod kontinwu kif ukoll atti vandali. Talab lill-mejda jekk jaqblux li l-kunsill għandu jagħmel dawn il-kameras u jsir ix-xogħol neċessarju sabiex dawn isiru. Kulħadd preżenti vvota favur u għalhekk kien hemm qbil unanimu.

3.6 District Operations – Performance Bonus

Is-Sindku talab lis-SE tispjega dan. Is-SE infurmathom li l-community workers mibgħuta mill-kumpanija District Operations jingħatalhom kumpens/bonus li sas-sena l-oħra kien darba f'Diċembru, iżda minn din is-sena dan il-bonus li għalkemm il-pagi ma jitħallsux mill-kunsill il-bonus huwa mitlub li jitħallas mill-kunsilli rispettivi 'Ġunju u Diċembru. Din l-evalwazzjoni tingħata mis-SE kif dejjem sar snin preċedenti fuq rakkomandazzjonijiet u imġieba tagħhom. Għal dawn l-ewwel 6 xhur il-bonus li jrid jitħallas jammonta għal EUR680,13 għal Horace Fenech u Roger Mahlangu rispettivament. Dan qabel kien jammonta għal 5% u min din is-sena dan tela' għal 10%. F'ċirkulari 07/2026 mibgħuta mid-DLG il-kunsilli ġew infurmati li għal din is-sena biss minħabba nuqqas ta' għarfien dwar din iż-żieda waqt li sar il-baġit tal-kunsilli, ser ikunu qegħdin ikopru d-differenza tal-5%, pero' dan għandu jiġi kkunsidrat mill-kunsilli mill-baġit li jmiss.
Is-Sindku talab lill-mejda sabiex jieħdu vot fuq jekk jaqblux li għandu jingħata dan il-bonus, Salvu Debono ivvota kontra filwaqt li l-kunsilliera l-oħra preżenti kienu favur li dan jingħata.

3.7 Siġar fi Triq il-Kappuċċini

Is-Sindku xtaq li jikkjarifika li s-siġar li ġew maqlugħa fi Triq il-Kappuċċini, nqalgħu bil-permess tal-ERA dan għaliex kienu mejta, kien hemm palma li minkejja li kienet f'qagħda ħażina ġiet salvata u ġiet f'kundizzjoni tajba. Dawk li nqalgħu ser ikunu qed jiġu replaced b'siġar oħrajn.

4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

4.1 Anthony Mifsud Bonnici – Pool Day – Garden View

Is-Sur Mifsud Bonnici flimkien mas-Sur Noel Dimech talbu sabiex issir pool day li ilha ssir kull sena l-garden view grazzi għas-Sur Paul Aquilina. Dawn qed jitolbu ħlas ta' EUR50 għall-użu ta' ġurnata esklussivament. Kien hemm qbil unanimu li din l-attivita' issir.

5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti Nru 29

5.1 Is-Sur Pace Taliana kellu problema bil-ħlas tat-trasport nru. 29, għaliex is-soltu dan jieħu inqas ħlas. Is-SE qalet li dawn huma rati normali pero' kienet ser tivverifika fuq dawn l-ammonti.

5.2 Ħadd ma kellu iktar xi jżid, ippropona l-iskeda tal-pagamenti Norbert Dalli u ssekondatu Pauline Vella Critien. Kien hemm qbil unanimu

6 Rapport tas-Sottokumitat (anness)

6.1 Il-Kunsillier Lino Pace Taliana informa l-mejda li ma kellux rapport għal din il-laqgħa. Pero' is-Sur Pace Taliana, esprima diżappunt li qal li s-SE qaltlu li s-sottokumitat mhuwiex rikonoxxut.

6.2 Is-SE talbet li tikkjarifika dan, qalet li s-Sur Pace Taliana ġab kont ta' printing items li membru tas-sottokumitat ħareġ minn butu. Is-SE infurmatu li dan ir-rimbors ma setax isir għall-fatt li l-ewwelnett skont iċ-ċirkulari li kienet intbagħtet lil kulħadd ebda kunsillier ma jista' jġib irċevuti għall-rimbors personali anke jekk din in-nefqa kienet f'isem il-kunsill, iktar u iktar jekk ir-rimbors qed jintalab minn membru ta' sottokumitat li ma kienx elett uffiċjalment bħala kunsillier.

6.3 Żiedet tgħid, li jekk ikun hemm bżonn printing, photocopies jew xi tip ta' spejjeż amministrattivi ta' dan it-tip jistgħu jintbagħtu lill-kunsill u jiġu preparati mill-kunsill stess, li wara kollox dak huwa parti mill-iskop tal-amministrazzjoni tal-kunsill. Ebda nefqa mhi ser tiġi rimborsata u kull nefqa għandha titalab mill-mezzi uffiċjali tal-kunsill.

6.4 Is-Sa Farrugia ikkonfermat dan li qalet is-SE u Żiedet tgħid li kull meta kien hemm xi sottokumitat li kienet fih hi jew kellha bżonn xi dokumentazzjoni, jew refgħet l-ispejjeż hi jew ġiet tagħmel dan mill-kunsill stess.

7 Rapporti Finanzjarji Q1 u Q2

7.1 Is-SE infurmathom li dawn ir-rapporti ġew sottomessi f'daqqa minħabba li kien hemm bidliet kif mitluba mid-dipartiment tal-finanzi dwar il-preżentazzjoni tac-Chart of Accounts, għalhekk dawn ir-rapporti jkopru minn Jannar sa Marzu u minn April sa Ġunju.

7.2 Skont ir-rapport tal-accountant, il-kunsill f'dawn l-ewwel 6 xhur tas-sena l-kunsill irreġistra surplus ta EUR352,000. Ir-raġuni primarja ta' dan huwa li l-kunsill diġa rċieva 73% tal-allokazzjoni li jingħata mid-DLG f'dan il-perjodu, kif ukoll irreġistra varjanzi pożittivi fil-kategoriji tal-infieq tiegħu. Fl-ispejjeż rikorrenti tiegħu l-kunsill qiegħed iżomm l-ispejjeż skont il-Baġit apporzjonat għal dawn is-6 xhur.

7.3 Il-proġetti kapitali sa issa jinkludu n-nefqa ta EUR47,000 fi spejjeż tal-istreet lighting skont il-ftehim tal-Enemalta u l-kuntrattur, iżda dan kien bejn wieħed u ieħor l-istess ammont li kien jitla' f'maintenance fi snin ta' qabel u għalhekk kien hemm ukoll apporzjonat għalih fil-baġit. Kif ukoll ic-CCTV kameras li tweħlu fta' Żwejt jammontaw għal EUR2,700.

7.4 Il-kunsill żamm il-pożizzjoni finanzjarja b'saħħitha b'ammont ta' flus kontanti u ekwivalenti ta' EUR999,685 (30.06.26).

7.5 Ħadd ma kellu xi jżid jew jistaqsi u għalhekk kien hemm qbil unanimament li dan ir-rapporti għandhom jiġu preżentati lid-DLG.

8 Clerical Officer – Scale 15

8.1 Is-SE infurmathom li Graziella Cachia tefgħet ir-riżenja tagħha u li reġgħet ġiet ippublikata s-sejħa li diġa kienet inħarġet. Talbet lill-kunsilliera sabiex jekk ikun hemm xi residenti b'xi ilmenti dwar xi dewmien ta' komunikazzjoni jispjegawlhom b'dan in-nuqqas u jitolbuhom li jkunu ftit paċenzjużi, iżda ser isir dak kollu possibli sabiex kollox jibqa' għaddej kif mitlub.

8.2 Joan Farrugia staqsiet jekk hux possibli li tinfetaħ pożizzjoni Scale 16 minħabba li possibilment ikun hemm bżonn inqas rekwiżiti. Is-SE infurmatha li ser tara x'hemm bżonn u tmexxi fuq din il-proposta wkoll. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

8.3 Infurmathom ukoll li jfakkru residenti li għall-bulky refuse jistgħu jużaw il-WhatsApp fuq in-numru l-ġdid li ġie ppublikat u xi ħadd mill-amministrazzjoni jinfumarhom bid-data tal-booking, dan qed isir biex jitnaqqas l-influss qawwi ta' telefonati u jitnaqqas id-dewmien.

8.4 Infurmathom ukoll li l-linji tat-telefon ma jfissirx li ma jkunux qed jiġu risponduti t-telefonati iżda minħabba l-kontinwazzjoni fil-linji dawn rari jiġu engaged anke jekk ikunu fuq it-telefon għaliex il=linja tibqa' ddur sakemm issib linja vojtha. Intalab li dawn jiġu verifikati u linji li mhemmx bżonnhom jitneħħew. Is-SE infurmathom li ser tkun tara dan ukoll.

Il-laqgħa spiċċat fis-18:30 u l-laqgħa li jmiss se ssir fit-28 ta' Settembru fil-17:30

Gaynor Bajada
Segretarju Eżekuttiv

Dominic Cassar
Sindku